MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 400/2009/1

**Patrick Buttigieg**

**vs**

**Clifton Barbara**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta’ Gunju, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Wara li ra t-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenut fis-somma ta’ elfejn hames mija u tnejn u disghin ewro u sebghin centezmu (€2592.70) rapprezentanti prezz ta’ materjal u xoghlijiet ezegwiti fuq ordni u nkarigu tal-konvenut, (dokument anness mat-talba).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult, l-ittra bonarja tat-2 ta' April, 2009 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1628/09 prezentat konteswalment, kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra li ma gietx prezentata risposta ghalkemm il-konvenut kien debitament notifikat.

Illi fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2010 id-difensur tal-konvenut oggezzjona ghall-fatt illi n-notifika ma saritx fuq l-indirizz tal-karta ta' l-identita.

Illi l-avukat difensur tal-attur informa lit-Tribunal illi n-notifika nharget skont l-ahhar indirizz moghti mill-konvenut stess lill-HSBC bhala l-ahhar indirizz residenzjali tieghu. Illi dan l-indirizz kien sahansitra ntuza mill-attur sabiex jinnotifika lill-konvenut b'atti gudizzjarji ohra li kienu rrizultaw positivi.

Illi t-Tribunal in vista tal-oggezzjoni tal-konvenut ried jisma' lill-konvenut, kif ukoll omm il-konvenut u l-Marixxal Judas Thaddeus Farrugia sabiex jixhdu dwar n-notifika.

Illi fis-seduta tat- 28 ta' Jannar, 2010 it-Tribunal sema' lil
Marixxal Judas Thaddeus Farrugia, Grace Barbara, omm il-konvenut, u lil Clifton Barbara jixhdu.

It-Tribunal kien sodisfatt illi n-notifika giet accettata mill-omm ta' l-attur minn jedda.

Illi sema' x-xhieda tal-bank jixhdu dwar il-'*known address'* tal-konvenut li kien klijent taghhom u li kienet inharget garanzija mill-HSBC Plc fuq l-istess indirizz tan-notifika.

Illi t-Tribunal wara li sema' l-provi kollha dwar l-ahhar indirizz postali u maghruf tal-konvenut kien

sodisfatt illi l-verzjoni moghtija min-naha tal-konvenut ma kienetx sostenibbli. Illi minkejja l-fatt illi l-indirizz fejn gie notifikat il-konvenut ma kienx l-indirizz li hemm fuq il-karta ta' l-identita' tieghu, l-konvenut sa ftit gimghat qabel kien ta' lill-bank l-indirizz ta' ommu bhala l-indirizz postali u residenzjali ahhari tieghu tant illi l-attur nnotifikah f'dak l-indirizz ghal mandat li l-attur kien hareg fil-konfront tal-konvenut. Illi t-Tribunal ghandu dubji serji dwar il-verzjoni moghtija minn omm il-konvenut tant illi meta giet ikkonfrontata flimkien mall-Marixxal il-verzjoni ma baqghetx konsistenti ma' l-ewwel verzjoni li kienet tat precendentement fl-istess seduta.

Illi permezz ta' digriet tat-8 ta' April, 2010 it-Tribunal iddecieda li l-indirizz fejn gie notifikat il-konvenut kien l-ahhar indirizz postali maghruf moghti mill-konvenut stess lill-bank HSBC Plc u kien l-indirizz moghti minnu bhala ir-residenza tieghu. Illi t-Tribunal sab illi l-verzjoni tal-konvenut kienet inkonsistenti ghall-ahhar u li l-indirizz moghti minnu stess bhala l-indirizz residenzjali u postali lill-HSBC Plc ghandu jissodisfa r-rekwiziti tal-ligi skont l-artiklu 187 (1) tal Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar in-notifiki. It-Tribunal huwa ukoll konvint li l-konvenut kien a konoxenza tan-notifika u li l-indirizz t' omm il-konvenut kien l-ahhar indirizz residenzjali moghti minnu ftit gimghat qabel lill-HSBC Plc kif kien ukoll ikkonmfermat mir-rapprezentanti tal-bank stess, izda ried juza l-iskuza tan-notifika irregolari sabiex jiggustifika il-kontumacja. Izda wara li t-Tribunal sema' x-xhieda kollha migjuba mill-attur dwar l-indirizz postali tal-kovenut, it-Tribunal ra li n-notifika kienet inharget regolarment u li ghaldaqstant il-konvenut kien kontumaci. Ghalhekk it-Tribunal ghadda sabiex jisma' l-provi tal-attur u sabiex jisma' l-konvenut dwar il-fatti.

Illi fis-seduta tat-8 ta' April, 2010 kif ukoll fis-seduta precendenti meta t-Tribunal kellu jisma' x-xhieda

tar-rapprezentanti tal-HSBC Plc ma deher hadd minn naha tal-konvenut. Illi fil-gurnata tad-digriet u cioe' fit-8 ta' April, 2010 kemm il-konvenut u d-difensur tieghu ma dehrux ghalkemm debitament imsejjha tlett darbiet skont il-ligi.

Illi fis-seduta tad-29 t'April, 2010 sema' lill-attur jixhed fil-mertu. Illi l-attur ikkonferma li huwa kien ghamel xi xoghlijiet fi Flat Numru 1 u 3, Triq id-Duq f'Marsascala f'Gunju, 2008. u li kien thallas ta' xoghlu mill-konvenut.
Dawn ix-xoghlijiet kienu jikkonsistu f'xoghlijiet ta' dawl u elettriku. Illi l-konvenut kien talbu stima ghal xoghlijiet ohra izda ma kienx posizzjoni jaghtih stima qabel ma jibda jahdem u jara x'kien ha jsib fil-post fejn kien ha jahdem. Ghalhekk meta f'Ottubru, 2008 beda xi xoghlijiet ohra ghall-konvenut huwa kien f'posizzjoni li jaghti lill-konvenut stima tax-xoghlijiet li kien ha jaghmel fil-gimghat sussegwenti. Jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur li l-istima kienet accettabbli u l-attur issokta bix-xoghlijiet li gew mitmuma f'Dicembru, 2008. Il-fatturi mahruga mill-attur ghal dawn ix-xoghlijiet mitmuma mill-attur f'Dicembru, 2008 sa 'llum baqghu ma thallsux lill-attur.

Mill-provi jirrizulta li kien hemm tentattiv da parti mill-konvenut li jhallas permezz ta' messagg mibghut lill-attur ghal habta ta' Marzu, 2009. L-attur kien ircieva *sms* mill-konvenut li kien ha jibghatlu cekk f'nofs ix-xahar izda dan ic-cekk qatt ma wasal. Jirrizulta mill-atti li l-attur kien ukoll interpella lill-konvenut sabiex ihallas il-fattura tieghu pemezz ta' ittra bonarja izda xorta wahda baqa' ma thallasx. Illi minhabba l-inadempjenza tal-konvenut l-attur imbghad fetahlu kawza.

It-Tribunal jinnota li mill-atti jirrizulta li t-Tribunal zamm disa' seduti minn notifika. Illi l-konvenut u d-difensur tal-konvenut dehru biss ghal zewg seduti. Id-difensur tal-konvenut deher ghat-tieni seduta tat-12 ta' Jannar, 2010 sabiex joggezzjona ghall-

fatt li n-notifika ma saritx fuq l-indirizz tal-karta ta' l-identita' tal-konvenut. Illi meta tela' jixhed il-konvenut fuq ordni ta' dan it-Tribunal sabiex jiggustifika l-kontumacja fis-seduta sussegwenti l-konvenut ma kienx rapprezentat. Illi d-difensur tal-konvenut deher darb'ohra biss fil-5 ta' Frar, 2010 meta t-Tribunal semghu jitratta dwar l-istitut tal-kontumcja u dwar ir-rikors intavolat minnu ftit qabel l-istess seduta.

Illi fis-seduta tat-8 ta' April, 2010 it-Tribunal ipprovda li l-konvenut kien gie notifikat regolarment skont l-artiklu 187(1) tal-Kap 12 tal-ligijiiet ta' Malta.

Illi fis-seduta tad-29 ta' April, 2010 l-attur ghalaq il-provi u t-Tribunal ddiferixxa l-kawza ghas-smiegh dwar il-fatti tal-konvenut ghas-17 ta'Mejju, 2010. Baqa' ma deher hadd min-naha tal-konvenut ghalkemm il-konvenut u d-difensur tieghu kienu debitament imsejjhin tlett darbiet skont il-ligi.

Illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2010 it-Tribunal sejjah lill-konvenut tlett darbiet skont il-ligi sabiex jixhed dwar il-fatti izda la l-konvenut u lanqas d-difensur tieghu regghu ma dehru.

Illi t-Tribunal jirrilleva li s-seduta tas-17 ta' Mejju, 2010 kienet imhollija sabiex jisma' lill-konvenut jixhed dwar il-fatti izda l-konvenut rega' ghazel li ma jidhirx.

It-Tribunal, fic-cirkostanzi jikkonkludi li l-konvenut m'ghandux interess f'din il-kawza u, ghalhekk iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi li kellu ghal-lum.

Wara li t-Tribunal sema' l-provi tal-attur u wara li ra li l-konvenut deher biss ghal zewg seduti minn disgha li nzammu u ra li ghazel li jonqos milli jiddefendi l-kaz tieghu fuq il-fatti, jaqta' u jiddeciedi li fic-cirkostanzi tal-kaz l-attur ipprova l-kaz tieghu

> quddiem dan it-Tribunal u ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fis-somma ta'elfejn, hames mija tnejn u disghin ewro u sebghin centezmu (€2592.70) bl-interessi skont il-ligi u kif mtluba mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.
>
> Spejjez sopportati mill-konvenut."

Minn din id-decizjoni l-konvenut gie quddiem din il-Qorti b'dawn l-ilmenti:-

1. Fl-ewwel lok jobbjetta ghall-fatt li ma giex konsentit lilu jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu nonostante li n-notifikazzjoni ta' l-att promotur saret fir-residenza ta' ommu u huwa ma kienx jabita hemm;

2. Fil-mertu, l-appellat m'ghandux dritt jithallas ta' xoghol li ma ezegwiex huwa stess;

Tezisti l-htiega li jigu qabel kollox registrati dawn l-aspetti kaptati mill-inkartament tal-kaz quddiem it-Tribunal:-

1. Fl-20 ta' Novembru 2009 saret in-notifikazzjoni ta' l-Avviz tat-Talba fil-fond 38 Dolmen Street, M'Scala. Skond ir-riferta tal-Marixxal dan l-att thalla f'idejn Grace Barbara, omm il-konvenut;

2. Fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2009 l-konvenut ma deherx u gie pprezentat kapitolu, approvat mit-Tribunal;

3. Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2010, ghalkemm il-konvenut baqa' ma deherx personalment, deher ghalih P.L. Victor Bugeja li vverbalizza li kien qed joggezzjona ghall-fatt li n-notifika ma saretx skond l-indirizz tal-Karta ta' l-Identita tal-konvenut;

4. It-Tribunal ghadda biex jisma' l-provi fuq dan il-punt tan-notifikazzjoni u b'digriet tat-8 ta' April, 2010

ddetermina illi l-konvenut ma kellux raguni fl-asserzjoni tieghu u, wara li stabbilixxa illi n-notifika saret regolarment, iddikjaratu fi stat kontumacjali;

5. Fid-29 ta’ April, 2010 t-Tribunal sema’ x-xhieda ta’ l-attur dwar il-mertu tat-talba tieghu, u ddifferixxa l-kawza ghall-udjenza tas-17 ta’ Mejju 2010 sabiex jisma’ lill-konvenut dwar il-fatti tal-kaz;

6. Fis-17 ta’ Mejju 2010 la deher il-konvenut u lanqas id-difensur tieghu. Il-kawza giet ghalhekk imhollija ghas-sentenza ghall-11 ta’ Gunju 2010, fejn ghal darb’ohra l-konvenut baqa’ ma deherx;

Maghmula din l-esposizzjoni qasira huwa floku li l-Qorti tibda biex taghmel dawn l-osservazzjonijiet preliminari:-

1. Fl-ewwel lok, nonostante li t-Tribunal isejjahlu “digriet”, rettament u proceduralment il-provvediment li jkun iddetermina l-istat kontumacjali ta’ l-imharrek huwa veru u proprju sentenza, u mhux semplici digriet. Ara “**Alfred Gatt *nomine* -vs- Salvino Sullivan *et nomine***”, Appell Kummercjali, 27 ta’ April, 1987 u “**Pullicino *nomine* -vs- Mifsud *nomine***”, Appell Kummercjali, 29 ta’ Frar, 1984;

2. Il-ligi tal-procedura tesigi, ex-Artikolu 231 (1) tal-Kapitolu 12 illi “jekk diversi kwestjonijiet f’kawza jinqatghu b’sentenzi separati, jista’ jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghaddi mill-jum li tinghata l-ahhar sentenza; u f’dak l-appell ghandhom jissemmew <u>espressament</u> is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell”;

3. Apparti minn kull konsiderazzjoni ohra, jidher mill-ewwel car mir-rikors ta’ appell *de quo* illi l-appellanti ma segwiex id-dettami tal-predett artikolu in kwantu minn imkien ma rrifera li kien qed jappella wkoll mill-pronunzjament tat-8 ta’ April, 2010 li permezz tieghu t-Tribunal iddefenixxa l-kontumacja tieghu. Taht dan il-

profil l-ewwel aggravju tieghu huwa inammissibbli, ghall-motiv tal-mankanza ta’ l-appellanti li *expressis* u fis-sens tal-ligi jiddikjara li huwa kien qieghed jappella wkoll minn dak il-pronuzjament. In effetti huwa llimita ruhu biex jitlob ir-revoka tas-sentenza tal-11 ta’ Gunju 2010 li ddisponiet mill-mertu tat-talba ta’ l-attur. Minn dan il-punto di vista, il-Qorti qeghda “marte proprju” tissolleva l-irritwalita` ta’ l-appell referibilment fejn jikkoncerna l-ewwel aggravju;

Anke indipendentement minn dan, il-pronunzjament tat-Tribunal huwa xorta wahda wiehed korrett u l-appellanti ma kienx jimmerita li jigi rimess *in integrum* fil-proceduri ghar-raguni illi huwa m’ghandux gustifikazzjoni fil-kwestjoni pregudizzjali minnu mqanqla ta’ l-invalidita` tan-notifika ta’ l-att introduttiv, oggett bl-ewwel aggravju. L-indagini u l-fissazzjoni tal-kontumacja tieghu mit-Tribunal kienet wahda ghal kollox kongruwa fuq l-istregwa tal-provi u tac-cirkostanzi effettivament emergenti mill-process u, konsegwentement, ma jimmeritax li jkun integrat *qua* kontradittorju fil-gudizzju. Ghal din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, l-istat kontumacjali tieghu, meta kien ritwalment notifikat fil-mod ammess mil-ligi skond l-Artikolu 187 (1), Kapitolu 12, hu sew stabbilit in bazi ghall-elementi tal-provi u ta’ l-accertament tan-notifikazzjoni valida li saritlu ta’ l-att promotur, li dwaru baqa’ ma pprezenta ebda risposta fit-terminu procedurali preskritt;

Kwantu ghall-aggravju fil-mertu ghandu jigi rilevat dan li gej. Hu car li ebda sussidju favorevoli ma jista’ qatt jircievi t-tieni lment ta’ l-appellanti ghaliex, u apparti dak l-istat kontumacjali tieghu, huwa baqa’ ma gabx il-kontro-prova biex jirribatti l-assunt ta’ l-attur appellat. Dan, avolja t-Tribunal, kien b’indulgenza kkoncedilu l-fakolta li jixhed dwar il-fatti tal-kaz. (Ara verbal ta’ l-udjenza tad-29 ta’ April 2010). Trid imbaghad b’aggunta issir osservazzjoni ohra. Il-konvenut appellanti baqa’ qatt ma attenda personalment ghal xi wahda mid-diversi udjenzi, kif hekk kien doveruz li jaghmel fit-termini ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-Att V ta’ l-1995, aktar u aktar fil-konsiderazzjoni tal-kapitolu, *qua* konfessjoni gudizzjali, ipprezentat fil-konfront tieghu.

Tirripunja ghall-intelligenza ta' din il-Qorti l-iskuzanti li dakinhar li kellu jixhed huwa kien indispost, meta ebda certifikat mediku attestanti dan il-fatt ma gie esebit u, lanqas ukoll, ma gie minnu ipprezentat rikors jew semplici nota b'talba ghal differiment ghal dik ir-raguni;

Evidentement, ma jistax jisfuggi, imbaghad, illi t-Tribunal ipproceda kif kellu jkun. Il-fondatezza tal-pretensjoni ta' l-attur ma bbazahiex fuq in-nuqqas tat-twegiba ghall-kapitolu jew b'xi ragonament indizzjarju ghall-fatt tal-kontumacja izda hu wasal ghad-decizjoni wara li vvaluta l-elementi tal-provi li ressaqlu l-attur, indipendentement mill-kontumacja ta' l-appellanti. F'dan hu segwa l-gurisprudenza konkordi. Ara "**Giuseppe Wismayer -vs- Giovanni Magro**", Qorti tal-Kummerc, 24 ta' Novembru, 1934, fost ohrajn.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qeghda tichad l-appell, u filwaqt li tikkonferma fil-mertu s-sentenza appellata, tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez ta' din l-istanza ghal darbtejn in termini ta' l-Artikolu 223 (4) tal-Kodici ta' Procedura stante l-frivolita` ta' l-appell interpost.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------